Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1975

9.9.2026

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1975

## tat-8 ta' Settembru 2026

## li jawtorizza eżenzjoni skont ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra f'ċertu tagħmir li jintuża għat-tnixxif tal-arja kkompressata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2024 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(5) tiegħu,

Billi:

(1) Mill-1 ta' Jannar 2027, l-Anness IV, il-punt 7(b) tar-Regolament (UE) 2024/573 jipprojbixxi l-introduzzjoni fis-suq ta' chillers stazzjonarji b'kapaċità nominali ta' mhux aktar minn 12 kW li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tagħhom ikun jiddependi minn dawn il-gassijiet b'potenzjal ta' tisħin globali ("GWP") ta' 150 jew aktar, ħlief jekk dawn ikunu meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tas-sikurezza fis-sit tal-operat. Mill-istess data, l-Anness IV, il-punti 8(b) u 8(d) ta' dak ir-Regolament jipprojbixxu l-introduzzjoni fis-suq ta' tagħmir awtonomu tal-arja kundizzjonata b'kapaċità nominali speċifikata f'dawk il-punti, li jkun fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tiegħu jkun jiddependi minn dawn il-gassijiet b'GWP ta' 150 jew aktar, ħlief jekk dawn ikunu meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tas-sikurezza fis-sit tal-operat.

(2) Fi Frar 2026, l-awtoritajiet kompetenti Ġermaniżi ressqu talba lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) 2024/573, għall-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni (it-talba għal eżenzjoni) li tippermetti l-introduzzjoni fis-suq ta' ċertu tagħmir li jintuża għat-tnixxif tal-arja kkompressata (Magni tat-Tnixxif Refriġerati bl-Arja Kkompressata – CARDs), li l-introduzzjoni tiegħu fis-suq għandu jiġi pprojbit skont l-Anness IV, il-punti 7(b), 8(b) u 8(d) tar-Regolament (UE) 2024/573 mill-1 ta' Jannar 2027.

(3) It-tagħmir ikkonċernat mit-talba għal eżenzjoni huwa (i) chillers stazzjonarji b'kapaċità ta' tkessiħ ta' mhux aktar minn 12 kW li jintużaw għat-tnixxif tal-arja kkompressata u (ii) tagħmir awtonomu stazzjonarju tal-arja kundizzjonata li jintuża għat-tnixxif tal-arja kkompressata. Dan it-tagħmir huwa komponent essenzjali ta' installazzjonijiet tal-arja kkompressata li jintużaw b'mod estensiv fis-setturi industrijali, peress li jiżgura t-tneħħija affidabbli tal-indewwa meħtieġa għall-funzjonament xieraq tal-proċessi u tat-tagħmir tal-produzzjoni.

(4) Skont it-talba għal eżenzjoni, il-CARDs li jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fl-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573 bħalissa mhumiex kummerċjalment disponibbli għall-firxa sħiħa ta' applikazzjonijiet industrijali. Minkejja l-isforzi kontinwi ta' riċerka u ta' żvilupp, l-alternattivi li jużaw refriġeranti b'GWP ta' inqas minn 150 għadhom mhumiex żviluppati biżżejjed biex jissodisfaw l-istandards meħtieġa ta' prestazzjoni, ta' sikurezza u ta' affidabbiltà għall-applikazzjonijiet kollha.

(5) It-talba għal eżenzjoni tindika wkoll li t-tranżizzjoni lejn teknoloġiji alternattivi tirrikjedi l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' kunċetti ġodda ta' sikurezza, kif ukoll adattamenti tad-disinn biex titnaqqas il-karga tar-refriġerant, li ma jistgħux jitlestew qabel id-dati ta' projbizzjoni applikabbli. Tiddikjara wkoll li, fin-nuqqas ta' eżenzjoni, l-operaturi u l-manifatturi jiffaċċjaw kostijiet u riskji operazzjonali sproporzjonati, inkluża l-ħtieġa ta' sostituzzjoni qabel il-waqt jew soluzzjonijiet *interim*, li jimminaw l-investiment f'teknoloġiji sostenibbli fit-tul.

(6) Il-Kummissjoni vvalutat it-talba għal eżenzjoni u tqis li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(5), il-punti (a) u (b), tar-Regolament (UE) 2024/573 huma ssodisfati. B'mod partikolari, alternattivi xierqa għadhom mhumiex teknikament fattibbli għall-applikazzjonijiet kollha, u n-nuqqas ta' eżenzjoni jwassal għal kostijiet sproporzjonati.

([1]) ĠU L, 2024/573, 20.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/573/oj.

(7) F'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, jixraq li tingħata eżenzjoni limitata fiż-żmien biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operazzjonijiet industrijali filwaqt li jingħata biżżejjed żmien għall-iżvilupp u għall-użu ta' alternattivi konformi. Il-Kummissjoni tqis li perjodu ta' 4 snin għat-tagħmir elenkat fl-Anness IV, il-punti 7(b), 8(b) u 8(d) tar-Regolament (UE) 2024/573 huwa xieraq u proporzjonat biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. B'deroga mill-Anness IV, il-punt 7(b) tar-Regolament (UE) 2024/573, l-introduzzjoni fis-suq ta' chillers stazzjonarji b'kapaċità nominali ta' mhux aktar minn 12 kW li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tagħhom ikun jiddependi minn dawn il-gassijiet b'GWP ta' 150 jew aktar, li jintużaw għat-tnixxif tal-arja kkompressata (Magni tat-Tnixxif Refriġerati bl-Arja Kkompressata – CARDs), hija b'dan awtorizzata, dment li jkunu ttikkettati skont l-Artikolu 12(2) ta' dak ir-Regolament.

2. B'deroga mill-Anness IV, il-punt 8(b) tar-Regolament (UE) 2024/573, l-introduzzjoni fis-suq ta' tagħmir awtonomu stazzjonarju tal-arja kundizzjonata b'kapaċità nominali ta' mhux aktar minn 12 kW li jkun fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tiegħu jkun jiddependi minn dawn il-gassijiet b'GWP ta' 150 jew aktar, li jintuża għat-tnixxif tal-arja kkompressata (Magni tat-Tnixxif Refriġerati bl-Arja Kkompressata – CARDs), hija b'dan awtorizzata, dment li jkun ittikkettat skont l-Artikolu 12(2) ta' dak ir-Regolament.

3. B'deroga mill-Anness IV, il-punt 8(d) tar-Regolament (UE) 2024/573, l-introduzzjoni fis-suq ta' tagħmir awtonomu stazzjonarju tal-arja kundizzjonata b'kapaċità nominali ta' aktar minn 12 kW iżda li ma taqbiżx il-50 kW li jkun fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tiegħu jkun jiddependi minn dawn il-gassijiet b'GWP ta' 150 jew aktar, li jintuża għat-tnixxif tal-arja kkompressata (Magni tat-Tnixxif Refriġerati bl-Arja Kkompressata – CARDs), hija b'dan awtorizzata, dment li jkun ittikkettat skont l-Artikolu 12(2) ta' dak ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2027 sal-31 ta' Diċembru 2030.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Settembru 2026.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN